

Brussell, 17 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16960/25

CYBER 389
JAI 1924
DATAPROTECT 345
TELECOM 485
MI 1075
CSC 693
CSCI 284
DELECT 198

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 8407 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'11.12.2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika t-termini u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-raġunijiet relatati maċ-ċibersigurtà b'rabta mad-dewmien tad-disseminazzjoni tan-notifiki

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 8407 final.

Mehmuż: C(2025) 8407 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.12.2025
C(2025) 8407 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'11.12.2025

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
billi jispeċifika t-termini u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-raġunijiet relatati
maċ-ċibersigurtà b'rabta mad-dewmien tad-disseminazzjoni tan-notifiki**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (“l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika”) jirrikjedi li l-manifatturi ta’ prodotti b’elementi diġitali jinnotifikaw, permezz ta’ pjattaforma unika ta’ rapportar, kwalunkwe vulnerabbiltà sfruttata b’mod attiv jew inċident serju li jkollu impatt fuq is-sigurtà ta’ prodott b’elementi diġitali. Skont l-Artikolu 16(2) ta’ dak ir-Regolament, l-iskwadra ta’ rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters (CSIRT, Computer Security Incident Response Team) maħtura mill-Istat Membru bħala koordinatur li inizjalment tirċievi n-notifika tista’, f’ċirkostanzi eċċezzjonali u għal raġunijiet ġustifikati relatati maċ-ċibersigurtà, iddewwem id-disseminazzjoni tan-notifika lis-CSIRTs ta’ Stati Membri oħra fejn il-prodott b’elementi diġitali jkun sar disponibbli.

Għalhekk, dan l-Att Delegat huwa maħsub biex jissupplimenta l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika billi jispeċifika t-termini u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-raġunijiet relatati maċ-ċibersigurtà biex tiddewwem id-disseminazzjoni tan-notifika. Jagħmel dan billi jidentifika tliet tipi ta’ raġunijiet li għalihom is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika tista’ tiddeċiedi li huwa meħtieġ li tiddewwem id-disseminazzjoni ulterjuri lil CSIRTs oħra. Tali deċiżjoni ta’ dewmien tista’ tittieħed fi tliet ċirkostanzi:

- fid-dawl ta’ evalwazzjoni tan-natura tal-informazzjoni notifikata;
- jekk is-CSIRT li tirċievi n-notifika ma tkunx tista’ tiżgura l-kunfidenzjalità ta’ tali informazzjoni;
- jekk il-pjattaforma unika ta’ rapportar tkun ġiet kompromessa jew temporanjament ma tkunx operazzjonali.

L-obbligi ta’ rapportar stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2024/2847 se jibdeu japplikaw mill-11 ta’ Settembru 2026.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

In-Network tas-CSIRT u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA, European Union Agency for Cybersecurity) ġew ikkonsultati dwar diversi abbozzi ta’ dan l-att. Fis-26 ta’ Marzu 2025 saret diskussjoni preliminari b’mistogsijiet ta’ gwida, b’opportunità li jingħata kontribut bil-miktub sal-11 ta’ April 2025. L-ewwel abbozz ta’ dan l-att ġie kondiviż man-Network tas-CSIRT u l-ENISA fis-16 ta’ Mejju 2025 u saret diskussjoni fis-6 ta’ Ġunju 2025, b’opportunità li jingħata kontribut bil-miktub sas-27 ta’ Ġunju 2025. It-tieni abbozz tal-att ġie kondiviż man-Network tas-CSIRT u l-ENISA fit-23 ta’ Lulju 2025, b’opportunità li jingħata kontribut bil-miktub sal-1 ta’ Settembru 2025. It-tielet abbozz tal-att ġie kondiviż man-Network tas-CSIRT u l-ENISA fil-25 ta’ Settembru 2025 u saret diskussjoni fid-9 ta’ Ottubru 2025, b’opportunità li jingħata kontribut bil-miktub sas-27 ta’ Ottubru 2025.

L-abbozz tal-att kien soġġett għal konsultazzjoni pubblika bejn is-16 ta’ Ottubru 2025 u t-13 ta’ Novembru 2025, li rċeviet 34 tweġiba minn 31 risponent uniku (minħabba l-fatt li l-istess risponent issottometta feedback permezz ta’ erba’ sottomissjonijiet differenti). Minn dawn, 29,41 % waslu minn assoċjazzjonijiet tan-negozju, 26,47 % minn kumpaniji/negozji, 17,65 % minn ċittadini tal-UE, 14,71 % minn awtoritajiet pubbliċi, 5,88 % minn organizzazzjonijiet

mhux governattivi (NGOs, Non-Governmental Organisations), 5,88 % minn istituzzjonijiet akkademiċi/ta' riċerka¹.

Fit-22 ta' Ottubru, l-abbozz ġie diskuss ukoll mal-Grupp ta' Esperti dwar iċ-Ċibersigurtà tal-Prodotti b'Elementi Diġitali (E03967), li s-sħubija tiegħu tinkludi l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-ENISA, esperti individwali maħtura f'kapaċità personali u organizzazzjonijiet fis-sens wiesa' tal-kelma (eż. kumpaniji, assoċjazzjonijiet, NGOs).

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Is-setgħa li tadotta atti delegati hija prevista fl-Artikolu 14(9) tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika, li jirrikjedi li l-Kummissjoni tispesjifika t-termini u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-raġunijiet relatati maċ-ċibersigurtà b'rabta mad-dewmien tad-disseminazzjoni tan-notifiki sal-11 ta' Diċembru 2025.

¹ Dawn il-perċentwali ma jqisux il-fatt li l-istess risponent issottometta feedback permezz ta' erba' sottomissjonijiet differenti.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'11.12.2025

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika t-termini u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-raġunijiet relatati maċ-ċibersigurtà b'rabta mad-dewmien tad-disseminazzjoni tan-notifiki

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika)², u b'mod partikolari l-Artikolu 14(9) tiegħu,

Billi:

- (1) F'ċirkostanzi eċċezzjonali, u, b'mod partikolari, fuq talba mill-manifattur u fid-dawl tal-livell ta' sensitività tal-informazzjoni notifikata, u għal raġunijiet ġustifikati relatati maċ-ċibersigurtà, l-iskwadra ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters (CSIRT, Computer Security Incident Response Team) maħtura bħala koordinatur li inizjalment tirċievi notifika ta' vulnerabbiltà sfruttata b'mod attiv jew inċident serju li jkollu impatt fuq is-sigurtà ta' prodott b'elementi diġitali ("is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika") tista' tiddeċiedi li ddewwem għal perjodu ta' żmien li jkun strettament meħtieġ id-disseminazzjoni tan-notifika permezz tal-pjattaforma unika ta' rapportar lis-CSIRTs maħtura bħala koordinaturi li fit-territorju tagħhom il-manifattur li jissottometti n-notifika jkun indika li l-prodott b'elementi diġitali jkun sar disponibbli ("is-CSIRTs rilevanti"). Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti t-termini u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' tali raġunijiet. Meta japplikaw tali raġunijiet, is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika tista' ddewwem id-disseminazzjoni lis-CSIRTs rilevanti għal perjodu ta' żmien li jkun strettament meħtieġ, iżda ma hijiex meħtieġa tagħmel dan. Skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2024/2847, meta CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika tiddeċiedi li tinvoka tali raġunijiet, jenħtieġ li tinforma minnufih lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA, European Union Agency for Cybersecurity) bid-deċiżjoni tagħha ta' dewmien, u bir-raġunijiet tagħha għal dan, u meta jkollha l-ħsieb li tagħmel disseminazzjoni ulterjuri tan-notifika.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 16(2), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2024/2847, it-termini u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-raġunijiet relatati maċ-ċibersigurtà stabbiliti f'dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għall-aċċess mill-ENISA għall-informazzjoni notifikata. L-aċċess tal-ENISA għall-informazzjoni notifikata jista' jiġi ristrett biss f'ċirkostanzi partikolarment eċċezzjonali: meta l-manifattur jindika fin-notifika tiegħu li waħda mit-tliet kundizzjonijiet imsemmija fl-

² ĠU L, 2024/2847, 20.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2847/oj>.

Artikolu 16(2), it-tielet subparagrafu, il-punti (a), (b) jew (c) tar-Regolament (UE) 2024/2847 tkun ġiet issodisfata, u biss b'rabta man-notifika ta' vulnerabbiltà ta' 72 siegħa msemija fl-Artikolu 14(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2024/2847. F'każijiet bħal dawn, l-unika informazzjoni li għandha ssir disponibbli simultanjament għall-ENISA hija l-informazzjoni li tkun saret notifika minn manifattur; l-informazzjoni ġenerali dwar il-prodott b'elementi diġitali; l-informazzjoni dwar in-natura ġenerali tal-isfruttament; u l-informazzjoni li ġew invokati raġunijiet relatati mas-sigurtà.

- (3) L-aċċess għall-informazzjoni notifikata jippermetti lis-CSIRTs ikollhom ħarsa ġenerali tal-ambjent tas-sigurtà fit-territorju tagħhom u jstabbilixxu miżuri ta' mitigazzjoni, li jgħollu l-livell ġenerali taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li restrizzjonijiet ulterjuri fuq id-disseminazzjoni tan-notifiki fid-dawl tan-natura tal-informazzjoni li tkun qed tiġi nnotifikata jkunu possibbli biss f'każijiet fejn, fid-dawl tas-sensittività tal-informazzjoni notifikata, ir-riskji għaċ-ċibersigurtà li jirriżultaw minn disseminazzjoni ulterjuri jkunu akbar mill-benefiċċji tas-sigurtà għall-Unjoni, u dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu mmitigati b'mod adegwat billi jitqiegħdu restrizzjonijiet fuq it-trattament u l-kondiviżjoni ulterjuri tan-notifika permezz ta' protokoll xierqa li jintużaw fin-Network tas-CSIRT, bħall-Protokoll dwar id-Dawl tat-Traffiku (TLP, Traffic Light Protocol) jew il-Protokoll dwar l-Azzjonijiet Permissibbli (PAP, Permissible Actions Protocol). Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta manifattur ikun informa lis-CSIRT li inizjalment tkun irċieviet in-notifika li huwa jistenna li se jipprova miżura ta' mitigazzjoni (bħal patch) fi żmien qasir. Jista' jkun ukoll il-każ, meta s-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika tiddeċiedi li tikkondividi biss partijiet minn notifika, u dawn il-partijiet madankollu jkunu biżżejjed biex is-CSIRTs rilevanti jiżguraw li jkunu jistgħu jstabbilixxu miżuri adegwati ta' mitigazzjoni tar-riskju. Barra minn hekk, u sabiex titħeġġeġ il-kooperazzjoni dwar l-identifikazzjoni u d-divulgazzjoni tal-vulnerabbiltajiet bejn il-manifatturi, is-CSIRTs u r-riċerkaturi tas-sigurtà, dan jista' jkun il-każ ukoll meta s-CSIRT tkun qed taġixxi bħala intermedjarju fdat għal proċedura ta' divulgazzjoni kkoordinata tal-vulnerabbiltajiet (CVD, Coordinated Vulnerability Disclosure) li tkun għaddejjja kif imsemmi fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. F'każ bħal dan, meta s-CSIRT tiddeċiedi li ddewwem id-disseminazzjoni ta' notifika, u f'konformità mal-Artikolu 16(6) tar-Regolament (UE) 2024/2847, dik is-CSIRT trid iddewwimha għal perjodu li ma jkunx itwal minn dak strettament meħtieġ u sakemm jingħata l-kunsens għad-divulgazzjoni mill-partijiet involuti fis-CVD.
- (4) L-informazzjoni inkluża fin-notifika se tgħin lis-CSIRTs iwettqu l-kompiti tagħhom fil-kuntest tal-mitigazzjoni tar-riskju u l-indirizzar tal-inċidenti. Madankollu, f'każijiet rari tali informazzjoni tista' tkun biżżejjed biex tippermetti l-ħolqien ta' teknika ta' sfruttament mingħajr riċerka addizzjonali, anke minn atturi b'ħiliet u riżorsi limitati. Jekk dik l-informazzjoni tiġi aċċessata minn atturi malizzjużi, iċ-ċibersigurtà tal-Unjoni tintlaqat ħafna, minħabba l-faċilità tal-isfruttament. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fejn il-verżjoni vulnerabbli ta' biċċa software tvarja biss marġinalment minn verżjonijiet preċedenti mhux vulnerabbli. F'każijiet bħal dawn, jekk is-CSIRT li

³ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80–152).

inizjalment tirċievi n-notifika temmen li r-riskji għaċ-ċibersigurtà li jirriżultaw minn disseminazzjoni ulterjuri ma jistgħux jittaffew b'mod adegwat billi jitqiegħdu restrizzjonijiet fuq it-trattament u l-kondiviżjoni ulterjuri, hija tista' tiddeċiedi li ddewwem id-disseminazzjoni sakemm tkun disponibbli miżura effettiva ta' mitigazzjoni tar-riskju, bħal aġġornament tas-sigurtà jew gwida għall-utent.

- (5) Jekk CSIRT rilevanti ma tkunx tista' tippoteġi b'mod adegwat l-informazzjoni notifikata, tista' tiġi aċċessata informazzjoni sensittiva minn atturi malizzjużi u jiġu stabbiliti sfruttamenti fis-Suq Uniku kollu. Għalhekk, meta jkun hemm tħassib serju dwar il-kapaċità ta' CSIRT rilevanti li tiżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni notifikata, is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika tista' tiddeċiedi li ddewwem id-disseminazzjoni ta' notifika lil dik is-CSIRT rilevanti biss sakemm tali tħassib ikun ġie indirizzat. Dan jista' jkun il-każ f'sitwazzjonijiet fejn CSIRT rilevanti tkun intlaqtet minn inċident taċ-ċibersigurtà li jaffettwa l-kapaċità tagħha li topera b'mod sigur, jew fejn ikun hemm evidenza jew informazzjoni li jkun għew identifikati nuqqasijiet sinifikanti fil-kapaċitajiet tas-CSIRT, bħal restrizzjonijiet serji tar-riżorsi li jikkompromettu l-kapaċità tagħha li twettaq il-funzjonijiet tagħha, jew dipendenza fuq software skadut jew vulnerabbli.
- (6) Sabiex jiġi evitat li atturi malizzjużi jaċċessaw informazzjoni sensittiva, meta l-pjattaforma unika ta' rapportar stabbilita skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2024/2847 tkun għet kompromessa minn inċident taċ-ċibersigurtà, is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika jenħteġ li ddewwem id-disseminazzjoni permezz tal-pjattaforma unika ta' rapportar sakemm terġa' tiġi stabbilita l-kapaċità tal-pjattaforma li tiżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni notifikata.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 16(2), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2024/2847, is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika ma hijiex meħtieġa tagħmel disseminazzjoni tan-notifika lil kwalunkwe CSIRT rilevanti oħra jekk il-manifattur jindika li l-prodott b'elementi diġitali jsir disponibbli biss fis-suq tal-Istat Membru tas-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika.
- (8) Il-Kummissjoni kkonsultat u fittxet il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fit-tnejn tal-abbozz tal-att delegat, u kkonsultat lill-Grupp ta' Esperti dwar iċ-Ċibersigurtà tal-Prodotti b'Elementi Diġitali.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 14(9) tar-Regolament (UE) 2024/2847, il-Kummissjoni kkooperat mill-qrib man-Network tas-CSIRTs stabbilit skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2022/2555 u mal-ENISA, fit-tnejn tal-abbozz tal-att delegat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jispeċifika t-termini u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-raġunijiet relatati maċ-ċibersigurtà msemmija fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2024/2847 li jippermettu lil dik is-CSIRT maħtura bħala koordinatur li inizjalment tirċievi notifika f'konformità mal-Artikolu 14(1) u (3) u l-Artikolu 15(1) u (2) ta' dak ir-Regolament iddewwem id-disseminazzjoni tan-notifika lis-CSIRTs maħtura bħala koordinaturi li fit-territorju tagħhom il-manifattur ikun indika li l-prodott b'elementi diġitali jkun sar disponibbli.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika” tfisser is-CSIRT maħtura bħala koordinatur li inizjalment tirċievi n-notifika f'konformità mal-Artikolu 14(1) u (3) u mal-Artikolu 15(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2024/2847;
- (2) “CSIRT rilevanti” tfisser is-CSIRT maħtura bħala koordinatur li fit-territorju tagħha l-manifattur ikun indika li l-prodott b'elementi diġitali jkun sar disponibbli.

Artikolu 3

Termini u kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' raġunijiet relatati maċ-ċibersigurtà li jirriżultaw min-natura tal-informazzjoni rrapportata

Is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika tista' tiddeċiedi li ddewwem għal perjodu ta' żmien limitat għal dak strettament meħtieġ id-disseminazzjoni tan-notifiki jew ta' partijiet minnhom lis-CSIRTs rilevanti f'każijiet fejn, fid-dawl tas-sensittività tal-informazzjoni notifikata, ir-riskji għaċ-ċibersigurtà maħluqa mid-disseminazzjoni jkunu akbar mill-benefiċċji tas-sigurtà tagħha u dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jittaffew billi jitqiegħdu restrizzjonijiet fuq it-trattament jew il-kondiviżjoni ulterjuri tan-notifika permezz ta' protokollu xierqa, bħall-Protokoll dwar id-Dawl tat-Traffiku (TLP) jew il-Protokoll dwar l-Azzjonijiet Permissibbli (PAP), u meta tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-manifattur ikun informa lis-CSIRT li inizjalment tkun irċeviet in-notifika li tkun mistennija ssir disponibbli fi żmien 72 siegħa miżura effettiva ta' mitigazzjoni tar-riskju, bħal aġġornament tas-sigurtà jew gwida għall-utent; jekk miżura effettiva ta' mitigazzjoni tar-riskju ma ssirx disponibbli f'dan il-perjodu ta' żmien, is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika għandha tagħmel disseminazzjoni tan-notifika lis-CSIRTs rilevanti;
- (b) l-informazzjoni inkluża fin-notifika titqies suffiċjenti, fid-dawl tan-natura tal-vulnerabbiltà sfruttata b'mod attiv notifikata, biex tinħoloq teknika ta' sfruttament, b'mod partikolari meta l-vulnerabbiltà tkun tista' tiġi identifikata u sfruttata faċilment minn atturi b'ħiliet u riżorsi limitati; ladarba tkun disponibbli miżura effettiva ta' mitigazzjoni tar-riskju, bħal aġġornament tas-sigurtà jew gwida għall-utent, is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika għandha tagħmel disseminazzjoni tan-notifika lis-CSIRTs rilevanti;
- (c) is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika tkun tista' tikkondividi mas-CSIRTs rilevanti biżżejjed informazzjoni biex tiżgura li s-CSIRTs rilevanti jkunu jistgħu jstabbilixxu miżuri adegwati ta' mitigazzjoni tar-riskju; ladarba tkun disponibbli miżura effettiva ta' mitigazzjoni tar-riskju, bħal aġġornament tas-sigurtà jew gwida għall-utent, is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika għandha tagħmel disseminazzjoni tan-notifika sħiħa lis-CSIRTs rilevanti;
- (d) is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika tal-vulnerabbiltà sfruttata b'mod attiv tkun ġiet mgħarrfa biha bħala parti minn divulgazzjoni kkoordinata tal-vulnerabbiltajiet (CVD, Coordinated Vulnerability Disclosure) li għaliha dik is-CSIRT tkun qed taġixxi bħala intermedjarju fdat f'konformità mal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2555; f'każ bħal dan, u f'konformità mal-Artikolu 16(6) tar-Regolament (UE) 2024/2847, is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika għandha tagħmel disseminazzjoni tan-notifika lis-CSIRTs rilevanti meta ma jkunx għadu strettament

meħtieġ dewmien u jingħata l-kunsens għad-divulgazzjoni mill-partijiet involuti fis-CVD.

Artikolu 4

Termini u kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' raġunijiet relatati maċ-ċibersigurtà fir-rigward ta' CSIRT speċifika

Is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika tista' tiddeċiedi li ddewwem għal perjodu ta' żmien li jkun strettament meħtieġ id-disseminazzjoni tan-notifiki jew ta' partijiet minnhom lil CSIRT rilevanti speċifika f'każijiet fejn:

- (a) is-CSIRT rilevanti tkun għet affettwata minn inċident taċ-ċibersigurtà li jitfa' dubju fuq il-kapaċità tagħha li tiżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni notifikata;
- (b) ikollha raġuni suffiċjenti biex temmen li l-kapaċitajiet tas-CSIRT rilevanti mhumiex adegwati biex jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni notifikata.

Fil-każijiet imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika tista' ddewwem id-disseminazzjoni sakemm is-CSIRT rilevanti tkun infurmat lin-Network tas-CSIRTs imsemmi fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2022/2555 li l-kapaċità tagħha li tiżgura l-kunfidenzjalità tan-notifiki tkun għet restawrata.

Fil-każijiet imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika tista' ddewwem id-disseminazzjoni lis-CSIRT rilevanti sakemm dik is-CSIRT tkun ipprovdiet evidenza li indirizzat in-nuqqasijiet identifikati.

Artikolu 5

Termini u kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' raġunijiet relatati maċ-ċibersigurtà fir-rigward tal-pjattaforma unika ta' rapportar

Is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika tista' tiddeċiedi li ddewwem id-disseminazzjoni tan-notifiki permezz tal-pjattaforma unika ta' rapportar stabbilita bl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2024/2847 meta l-ENISA tkun infurmat lin-Network tas-CSIRTs, f'konformità mal-Artikolu 16(4) ta' dak ir-Regolament, li l-pjattaforma unika ta' rapportar tkun għet affettwata minn inċident taċ-ċibersigurtà li jitfa' dubju fuq il-kapaċità tagħha li tiżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni notifikata. F'każijiet bħal dawn, is-CSIRT li inizjalment tirċievi n-notifika tista' ddewwem id-disseminazzjoni permezz tal-pjattaforma unika ta' rapportar sakemm l-ENISA tkun infurmat lin-Network tas-CSIRTs li l-kapaċità tal-pjattaforma li tiżgura l-kunfidenzjalità tan-notifiki tkun għet restawrata.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11.12.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN